MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 211/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Clint Catania**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Clint Catania talli fit-23 ta' Jannar 2005 ghall-habta ta' 10.50 hrs f'Hal-Far Road, Gudja:

(1) Saq il-vettura SYl 460 minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinnovata);

(2) Ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta` dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Clint Catania jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-24 ta' Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat li l-imputazzjonijiet huma preskritti;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat General pprezentat fit-8 ta' Gunju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti "tibdel u tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn it-tieni imputazzjoni giet dikjarata preskritta, thassarha u tirrevokaha fil-bqija, u minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija tal-istess appellat f'din l-akkuza, senjatament l-ewwel imputazzjoni, u tinfliggi l-piena skond il-ligi, jew inkella, minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-procediment bis-smiegh tal-kawza u decizjoni";

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Minn ezami tar-rikors ta' appell huwa evidenti illi dan jippekka minn zball fl-istezura tieghu billi gew invertiti l-imputazzjonijiet kemm f'dik il-parti fejn l-appellant jispjega x'inhu l-aggravju tieghu kif ukoll fit-talba tieghu.

Effettivament fir-rikors l-appellant jghid illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni l-perijodu preskrittiv huwa ta' tliet xhur filwaqt illi dak dwar l-ewwel imputazzjoni huwa ta' sentejn u jghaddi biex jitlob il-konferma tas-sentenza appellata fejn iddikjarat il-proceduri preskritti ghar-rigward "tat-tieni imputazzjoni" u r-revoka taghha fil-kumplament sabiex tinsab il-htija dwar "l-ewwel imputazzjoni".

Huwa evidenti illi fil-kaz odjern il-preskrizzjoni trimestrali tapplika ghall-<u>ewwel</u> imputazzjoni u mhux ghat-tieni

filwaqt illi dik ta' sentejn tapplika ghat-tieni imputazzjoni u mhux ghall-ewwel.

L-izball li ha l-appellant fir-rikors ta' appell ma jistax jigi sanat u, kif maghmula t-talba, zgur ma tistax tintlaqa'.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------